**Nomina ta' Karl Izzo bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Montenegro**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Tweġibiet tal-mistoqsijiet sottomessi min-naħa tal-Gvern*

**1. Il-profil tiegħek fil-qasam sportiv hu wieħed vast u mexxejt lit-tim nazzjonali Malti tal-*waterpolo* bħala *coach* f'logħob internazzjonali anke kontra l-Montenegro li hu meqjus li għandu tim b'saħħtu. Fil-kuntest tal-viżjoni espressa mill-Prim Ministru li pajjiżna jsir rebbieħ fil-qasam sportiv, kif tara li inti, mill-kariga prospettiva tiegħek, tista' tkun katalista biex naslu għal dan il-għan?**

Iva, kelli x-xorti li mmexxi lit-tim nazzjonali Malti tal-*waterpolo* kontra l-Montenegro fl-aħħar edizzjoni tal-kampjonati Ewropej ġewwa Barċellona. Il-Montenegro huwa fost l-aqwa erba' nazzjonijiet fid-dinja f'dan l-isport u huwa ferm b'saħħtu f'dixxiplini oħra sportivi u jiena qed nara li nistgħu niggwadanjaw ħafna bħala nazzjon fil-qasam sportiv. Il-Ministru attwali tal-isport tal-Montenegro Nikola Janovic hu eks *captain* tat-tim nazzjonali tal-*waterpolo* tal-Montenegro u huwa ħabib kbir personali tiegħi. Jien konvint li jekk inkun appuntat f'din il-kariga naħdem bis-sħiħ biex ikollna relazzjoni tajba ħafna li twassal għal tfassil ta' programm għal MOU għal koperazzjoni sportiva bejn il-Ministeru tal-Isport Montenegrin u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ta' Malta. B'dan il-ftehim, ħafna dixxiplini sportivi nazzjonali għandhom jagħmlu qabża sostanzjali fir-riżultati miksuba.

**2. Jirriżulta li għandek diversi impenji diġà bejn il-ħajja tax-xogħol u dik sportiva, u mit-tkabbir tan-negozju tiegħek kif ukoll mill-prestazzjonijiet tat-tim nazzjonali Malti tal-*waterpolo*, jidher li qed toħloq bilanċ tajjeb bejn iż-żewġ attivitajiet. Tara li se jkollok ħin biżżejjed x'tiddedika għal din il-kariga ġdida prospettiva?**

Jien inħobb li l-ġranet tiegħi jkunu dejjem mimlijin u attivi. Naħseb li fil-każ tan-negozju tiegħi personali, attrezzati biżżejjed biex ma jkunx dipendenti minni. Huwa minnu li niddedika ħafna ħin għat-tim nazzjonali imma bla dubju ta' xejn din il-kariga taffaxxinani u tintrigani għaliex huwa nazzjon li żort kemm-il darba u jogħġobni ħafna. Huwa nazzjon li qed jikber taħt kull aspett u jien ċert li hija sfida ġdida u interessanti għalija u li hemm ħafna lok għal koperazzjoni ikbar għall-gwadann taż-żewġ pajjiżi.

**3. Fis-CV sottomess minnek spjegajt dwar l-interessi kummerċjali li għandek. Għandek xi interessi kummerċjali li huma konfliġġenti ma' din il-kariga prospettiva?**

L-interessi kummerċjali tiegħi huma biss mal-Italja u żgur m'hemmx interessi konfliġġenti ma' din il-kariga prospettiva tiegħi.

**4. Pajjiżna diġà kkonferma l-appoġġ tiegħu għas-sħubija tal-Montenegro fl-Unjoni Ewropea, pajjiż li hu meqjus li qiegħed f'*lead position* għas-sħubija fit-tkabbir li jmiss, prospettat għas-sena 2025. Madanakollu, il-Montenegro fadallu sfidi x'jindirizza. Liema tara li huma l-isfidi ewlenin li jrid jindirizza l-Montenegro qabel jiġi ammess bħala stat membru fl-Unjoni Ewropea?**

Mir-riċerka li għamilt fuq dan is-suġġett, il-Montenegro diġà qiegħed fi stat avvanzat fin-negozjati mal-Unjoni Ewropea. Dawn waslu fil-Kapitlu 27; ikun jonqos tliet Kapitli (28, 29 u 30) imbagħad tibda l-implimentazzjoni tal-kapitli diġà magħluqa. Hawnhekk Malta tista' tilgħab parti importanti biex tgħin biex issir din l-implimentazzjoni speċjalment kif qed nara u nifhem jien fil-qasam tas-saħħa fejn il-Montenegro għadu lura ħafna. Kapitli li ħa jkunu wkoll ta' sfida biex jiġu implimentati huma l-istess Kapitlu 27 – *Environment*; Kapitlu 11 – *Agriculture and Rural Develpoment*; u Kapitlu 12 – *Food Safety, Veterinary and Phytosanitary Policy*. Malta tista' toffri għaxar snin ta' esperjenza fl-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-

kummerċ u kif negozji lokali jistgħu jibbenefikaw mill-eliminazzjoni ta' barrieri kummerċjali flimkien ma' opportunitajiet ta' investiment ma' stati oħra tal-Unjoni Ewropea.

**5. F'laqgħa li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ Carmelo Abela kellu aktar kmieni din is-sena f'Malta mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Montenegro Srdjan Darmanović, ġew identifikati diversi niċeċ li fihom iż-żewġ pajjiżi jistgħu jikkoperaw aktar mill-qrib fiż-żmien li ġej, fost dawn l-edukazzjoni, il-*healthcare*, il-kultura, il-kummerċ, l-isport u t-turiżmu. X'inhi l-fehma tiegħek dwar dan u kif tara li mill-kariga tista' tkun ta' kontribut f'dan is-sens?**

Jien tal-fehma li hemm bżonn ta' ħidma intensiva fuq kull suġġett elenkat għaliex nemmen li hemm ħafna xi jsir għal benefiċċju taż-żewġ pajjiżi. Jien kont inħeġġeġ diversi esponenti mill-ministeri konċernati u nikkordina żjarat fil-Montenegro u viċi versa fejn jiltaqgħu mal-kontrapartijiet biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar fejn nistgħu nkunu ta' għajnuna.

L-Edukazzjoni – Is-sistema tal-edukazzjoni tal-Montenegro hija differenti minn dik Maltija, imma definittivament hemm ħafna lok ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi, speċjalment fil-livell universitarju, speċjalment fi kwistjonijiet marittimi, saħħa, sport, mużika, IT – skambju ta' studenti u anke skambju għal perjodu ta' żmien għall-għalliema u Professuri – kemm għall-iskejjel sekondarji privati u tal-gvern u anke tal-Università. Il-Montenegro tbati minn nuqqas ta' speċjalisti fis-servizzi tat-turiżmu u naħseb li nistgħu nkunu ta' għajnuna.

*Healthcare* – Mir-riċerka li għamilt, is-servizzi tas-saħħa huma problema kbira tal-pajjiż – sptarijiet u *clinics* huma fi stat ħażin u l-baġit għas-saħħa ferm baxx meta kkomparat ma' Malta. Nistgħu nkunu ta' għajnuna biex huma jimplimentaw sistema tal-IT biex iżommu rekords ta' pazjenti eċċ. Bħalissa m'għandhomx hekk, għadhom jużaw karti/*files* eċċ., jiġifieri sistema antikwata. It-tagħmir fl-isptarijiet huwa antik ħafna speċjalment fil-kardjoloġija. Jista' jkun hemm lok ta' skambju ta' tobba/*nurses* bejn iż-żewġ pajjiżi. Malta, bil-mod, qed tistabbilixxi ruħha bħala *hub* għas-servizzi tas-saħħa u dan ma jinkludix biss kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda u immodernizzar ta' sptarijiet antiki imma qed tagħmel enfasi fuq ir-riċerka, tagħlim u taħriġ. L-Iskola Medika fl-Università ta' Malta toffri korsijiet speċjalizzati u nistgħu nospitaw studenti mill-Montenegro biex jagħżlu l-professjoni ta' tabib u b'hekk jgħinu jiżviluppaw ħafna aħjar il-faċilitajiet tas-saħħa ġewwa l-Montenegro.

Il-Kummerċ – In-negozju bejn iż-żewġ pajjiżi huwa baxx ħafna kemm l-*import* u kemm l-*export*. Idea tkun li nħajru negozji Maltin iżuru l-Montenegro biex jesploraw possibilitajiet ta' kummerċ u viċi versa. Jien infurmat li diġà hemm kumpanija Maltija li fetħet uffiċini li jservu ta' *estate agents* fejn jixtru u jbigħu proprjetà fil-Montenegro. Ta' min isemmi l-investiment tal-Enemalta li flimkien ma' Shanghai Electric investew f'*wind farm* fil-Montenegro. Dan għen biex tinfetaħ possibilità ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi fi proġetti ta' *solar and wind energy*.

L-Isport – Hawn nista' nitkellem b'esperjenza għaliex kelli diversi okkażjonijiet li nżur dan il-pajjiż għal attivitajiet sportivi. Huwa nazzjon b'saħħtu ħafna f'diversi dixxiplini sportivi u hemm ħafna fejn aħna bħala pajjiż nistgħu nibbenifikaw – ftit ideat, bħal *placing* ta' *players* Maltin ġewwa timijiet fil-Montenegro, għajnuna permezz ta' *coaches* kwalifikati li jiġu Malta jgħallmu lill-isportivi u *coaches* Maltin, *reciprocal training camps*. Fil-Montenegro hemm ċerti faċilitajiet sportivi aħjar minn tagħna li nistgħu nutilizzaw biex intejbu r-riżultati tagħna, u aħna għandna wkoll il-faċilità li noffru faċilitajiet tajbin u klima perfetta f'ċerti xhur. Hemm lok ta' tkabbir sostanzjali fit-turiżmu sportiv. Il-Montenegro ħa jospita l-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar f'Mejju tal-2019 u Malta ħa ttella' kontinġent qawwi biex jipparteċipa u jien naħseb li f'dan il-qasam il-Montenegro jista' jkun pajjiż li jista' jgħinna ħafna fl-istrateġija tal-isport li qed tiġi mħejjija biex twassal għal riżultati qatt miksuba qabel minn Malta fil-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar li se jsiru f'Malta fl-2023.

It-Turiżmu – Naħseb li l-iktar ħaġa importanti u fundamentali hawn, hija l-possibilità li jkun hemm titjira diretta bejn iż-żewġ pajjiżi. Dan żgur jgħin biex jiżdied it-turiżmu bejn iż-żewġ pajiiżi. Iż-żewġ pajjiżi għandhom ħafna x'joffru u jistgħu jkunu raġonevoli għal kull but għax jeżistu kull tip ta' akkomodazzjoni,

kemm irħis kif ukoll lussuż. Fix-xitwa l-Montenegro tista’ tkun ta’ attrazzjoni għall-Maltin li jħobbu jmorru *skiing*.

Il-Kultura – Iż-żewġ pajjiżi joffru wirt kulturali għani ħafna. Fil-Montenegro hemm siti taħt il-protezzjoni tal-UNESCO bħal Kotor u Boka Bay. Il-protezzjoni, preservazzjoni u valorizzazzjoni ta’ siti fiż-żewġ pajjiżi huma importanti ħafna. F’Cetinje, il-kapitali l-antika tal-Montenegro, hemm il-Holy Mary of Philarme li kienet inġiebet hemm mill-Kavallieri ta’ Malta u naħseb hemm lok ta’ possibilità ta’ ġemellaġġ mal-Imdina. Nistgħu nippruvaw ukoll nagħmlu ġemellaġġi ma’ bliet u rħula oħrajn ukoll. Turiżmu kulturali jista’ jkun ta’ importanza wkoll. Sal-lum, m’hemm l-ebda ġemellaġġ bejn bliet u irħula Maltin u dawk Montenegrini. Koperazzjoni f’dan il-qasam jista' jikkontribwixxi għall-approfondiment tar-relazzjonijiet fuq livell ieħor bil-għan li jissaħħu r-rabtiet fl-oqsma tal-amministrazzjoni pubblika u l-kultura lokali, fost oħrajn.

**6. Tikkonferma li l-passaport Malti li għandek hu l-uniku passaport maħruġ favur tiegħek?**

Iva. Nikkonferma.

**7. Tista’ tesebixxi Ċertifikat tal-Kondotta tiegħek li huwa aġġornat?**

Iva.

***Tweġibiet tal-mistoqsijiet sottomessi min-naħa tal-Oppożizzjoni***

**1. In vista tar-relazzjonijiet tajba li pajjiżna żviluppa mal-Montenegro, tista’ tindikalna x’passi beħsiebek tieħu sabiex dan ikompli jissoda ruħu?**

Il-ħidma tiegħi se tkun biex inkompli fejn ħallew ta’ qabli u nipprova ntejjeb din ir-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi speċjalment fejn tidħol is-saħħa, l-edukazzjoni, l-isport, il-kultura, il-kummerċ u t-turiżmu. Inkompli nuri l-volontà tal-Gvern Malti li jappoġġa totalment lill-Montenegro fil-proċess tas-sħubija kompleta tagħha fl-Unjoni Ewropea.

**2. In vista tal-esperjenza li għandek kif ukoll li tul dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fl-interess ekonomiku ta’ pajjiżna fil-Montenegro u viċi versa, x’jista’ jsir iktar biex dan jikber u jkollu riżultati iktar konkreti?**

Malta, permezz tal-Enemalta, għamlet l-ikbar Investiment Dirett Barrani fl-istorja tagħha billi investiet fil-proġett tal-*wind farm* fil-Montenegro. Dan jagħti kredibilità kbira lill-pajjiż u lill-Montenegro li jimmira li jkun pajjiż ewlieni fil-qasam tal-enerġija ambjentali. Dan l-investiment, għalihom, huwa enormi. Dan il-proġett, qrib it-tlestija, jagħtina l-potenzjal għal aktar koperazzjoni u investimenti fil-pajjiż fejn għandhom prospetti pożittivi għal Malta mhux biss minħabba dan il-proġett iżda anke minħabba li aħna pajjiż tal-Unjoni Ewropea li jista’ jgħinhom ħafna matul is-snin li ġejjin hekk kif iqisu lilna simili ħafna tagħhom (pereżempju d-daqs tal-popolazzjoni). Madanakollu se nagħmel l-almu tiegħi biex niġbed aktar forom ta' investiment lejn u mill-Montenegro għal Malta primarjament fit-turiżmu u fl-esportazzjoni u l-importazzjoni għall-ġid taż-żewġ pajjiżi u għall-komunità tan-negozju. Min-naħa tiegħi, se nagħmel kuntatt ma’ direttorati varji ta' kull ministeru u nħeġġiġhom biex iżuru l-Montenegro u jiltaqgħu mal-kontroparti tagħhom u viċi versa u jaħdmu wkoll mill-qrib mal-Kamra tal-Kummerċ taż-żewġ pajjiżi biex nixprunaw aktar kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi hekk kif nifhem kemm jistgħu jibbenefikaw mill-interessi ta’ xulxin.

**3. Tista’ tindikalna jekk qattx ħdimt f’materji relatati mal-Unjoni Ewropea?**

L-unika darba li rrappreżentajt lil Malta kien fl-2017 meta ħadt sehem f’laqgħa għall-Ambaxxaturi Sportivi ta’ kull pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea ġewwa Brussell.

**4. Kellek parteċipazzjoni fil-laqgħat preparati tul il-Presidenza Maltija?**

Iva, ipparteċipajt fil-European Sports Forum u fil-European Youth Sport Forum fil-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017.

**5. Xi preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

Le, qatt.

**6. Qatt ġejt assenjat ġewwa segretarjat ta' Ministeru jew servejt b'xi mod fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ, jew dak tal-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza jew fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru?**

Le, qatt.

**7. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

Iva, qiegħed ngħin biex tiġi fformulata dikjarazzjoni ta' interess fil-qasam sportiv mal-Kroazja u mar-Russja.

**8. Qatt tkellimt bħala kelliem ewlieni tal-Gvern f'fora Ewropej jew internazzjonali?**

Le, qatt.

**9. Tista' tiddeskrivi l-attivitajiet kummerċjali li għandek preżentement? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt mal-ħidma ta' Ambaxxatur?**

L-attivitajiet kummerċjali preżenti tiegħi huma fil-qasam tal-ħwejjeġ u r-ristoranti. Il-kumpanija li jien Direttur tagħha tirrappreżenta ditti Taljani hawn Malta fuq bażi ta' *franchising*. Dawn bl-ebda mod m'għandhom kunflitt mal-ħidma ta' Ambaxxatur ta' Malta fil-Montenegro.

---